MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Numru 583/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**KONTRA**

**ADAMA DOUMBIA**
**YOUSEF CUMAR**
**HABTOM KIFLOM**
**BANJA DIALLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Adama Doumbia bin Bakari u Sally, mwieled Mali nhar l- 1 ta’ Jannar 1990, residenti indirizz mhux maghruf u detentur tan- numru tal- Pulizija 08DD-003;

U

Yousuf Cumar bin Kalifa u Cumar, mwieled l- 1 ta’ Jannar 1980, residenti indirizz mhux maghruf u detentur tan- numru tal- Pulizija 09D-125;

U

Habtom Kiflom bin Kiflom u Hainesh, mwieled Eritrea nhar l- 20 ta’ Mejju 1989, residenti indirizz mhux maghruf u detentur tan- numru tal- Pulizija 06RR-13

U

Banja Diallo bin Sija u Nata mwieled Mali nhar l- 1 ta’ Jannar 1985, residenti indirizz mhux maghruf u detentur tan- numru tal- Pulizija 08VV-16;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet;

Talli Adama Doumbia, Yousuf Cumar u Banja Diallo;

1) fid- 9 ta’ Gunju 2010 kif ukoll fil- granet ta’ wara u fix- xhur ta’ qabel f’ Malta, taw jew gghalew jghatu xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tgharif ta’ fatti foloz lill- Ufficjal tal- Immigrazzjoni u dan bi ksur tal- Artikolu 32 (1c) tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) Kif ukoll talli taht l- istess cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat u dan bi ksur tal- Artikolu 183, 184 u 189 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Habtom Kiflom wahdu talli:

3) fid- 9 ta’ Gunju 2010 u fix- xhur ta’ wara kif ukoll ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer, ghamel delitt billi imbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill- Ufficjal Principali ta’ l- Immigrazzjoni l- informazzjoni perskritta u dik l- informazzjoni l- ohra kif l- Ufficjal

Principali ta’ l- Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur tal- Artikolu 28 tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputati fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront taghhom. Ir-reati li bihom gew akkuzati hume reati li jgibu maghhom piena ta’ prigunerija effettiva, u dan kif stabbiliet il-Qorti tal-Appelli Kriminali f’ diversi kawzi ohra bl-istess mertu. Madankollu, l-imputat Habtom Kiflom tressaq b’ reat differenti mill-ohrajn, u inoltre l-Pulizija tista’ tottjeni informazzjoni utili minghandu fil-kors tal-investigazzjoni fil-konfront ta’ terzi. Ghalhekk il-piena li ser tinghatali ha tkun differenti minn ta’ l-ohrajn.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 32(1)(c) u 28 tal- Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U l- Artikoli 183, 184 u 189 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat Habtom Kiflom hati u ghaldaqstant tikkundannah xaharejn prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill- imputati Adama Doumbia, Yousef Cumar u Banja Diallo hatja u ghaldaqstant tikkundannahom sitt (6) xhur prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------